

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2006/2018(BUD)

14.9.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

lill-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali għall-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 – 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għall-Opinjoni: Piia-Noora Kauppi

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. Ifakkar il-prinċipju ta' l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tas-sessi kif imħaddan fit-Trattat ta' Amsterdam, li permezz tiegħu, il-perspettiva ta' l-ugwaljanza tas-sessi ma tapplikax biss għal miżuri mfassla speċifikament biex jippromwovu l-opportunitajiet indaqs, iżda għandha tkun inkorporata fil-politiki kollha u fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju permezz ta' l-ibbaġitjar bil-perspettiva tas-sessi;
2. Jinnota li r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2003 dwar l-ibbaġitjar bil-perspettiva tas-sessi, u l-bini ta' baġits pubbliċi minn perspettiva tas-sessi ¹indirizzat il-fatt li baġits pubbliċi, inkluż il-baġit ta' l-UE, mhux newtrali mill-perspettiva tas-sessi, u għandu impatt differenti fuq in-nisa u l-irġiel;
3. Jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li turi l-effetti fuq in-nisa u l-irġiel ta' diversi linji baġitari fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza tas-sessi;
4. Jirrepeti t-talba tiegħu għall-użu ta' approċċ ta' bbaġitjar bil-perspettiva tas-sessi sabiex jevalwaw u jirristrutturaw il-programmi, miżuri u politiki baġitarji rilevanti kollha, jiddeterminaw il-punt safejn ir-riżorsi huma allokati b'modi ugwali għas-sessi jew le, u fl-aħħar mill-aħħar, jiksbu n-newtralità mill-perspettiva tas-sessi, fejn iż-żewġ sessi jiġi kkunsidrati bl-istess mod;
5. Jiddispjaċih li, b'riżultat tar-ristrutturar tat-Titolu 04 *Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*, il-kapitolu *Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel* ma ġiex miżmum bħala suġġett separat u mhemmx aktar referenza għall-kwistjoni; jemmen li l-isem il-ġdid ta' Kapitolu 0404 *Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali* se jnaqqas mill-awtorità u l-viżibilità tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza tas-sessi; għaldaqstant jissuġġerixxi li t-titolu tal-kapitolu l-ġdid 04 04 għandu jinkludi referenza għall-ugwaljanza tas-sessi;
6. Jisħaq li l-baġit għandu jirrifletti l-istrategġija msemmija fil-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing u fl-Istrategġija ta' Liżbona, sabiex tinkiseb rappreżentazzjoni bilanċjata ta' nisa fost l-imsieħba soċjali, involviment akbar tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi u aċċess akbar għan-nisa kemm għall-edukazzjoni u għall-azzjonijiet u l-programmi relatati ma' riċerka, teknoloġija u s-soċjetà ta' l-informatika;
7. Iqis li waħda mill-prijoritajiet tal-baġit ta' l-UE għall-2007 hija l-bżonn li jiġi meqjus it-tkabbir bir-Rumanija u l-Bulgarija, u l-allokkazzjoni mill-ġdid ta' numru ta' linji baġitarji ewlenin; jenfasizza l-bżonn li jiżgura li huma se jkollhom aċċess sħiħ għal programmi li jkopru l-ugwaljanza bejn is-sessi u kwistjonijiet ta' drittijiet tan-nisa;
8. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li, filwaqt li l-għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni għat-Turkija (Suġġett 22 02 04 01) tibqa' tiżdied, huwa kruċjali li t-Turkija tingħata appoġġ aktar fl-

¹ ĠU C 74, E 24.3.2004, p. 746.

isforzi tagħha biex ittejjeb il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod speċjali tad-drittijiet tan-nisa, u jissuġġerixxi li jiġi mwarrab ċertu persentaġġ ta' fondi biex jintużaw għal azzjonijiet u programmi bbażati fuq livelli suffiċjenti ta' finanzjament u mmirati lejn titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa, b'mod speċjali dawk li jsiru flimkien ma' organizzazzjonijiet tan-nisa fl-Istati Membri;

9. Jirrepeti li, kif imsemmi kemm fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 kif ukoll fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fil-kunflitti armati u l-irwol tagħhom fil-proċess ta' rikostruzzjoni u l-proċess demokratiku f'pajjiżi li jkunu għaddew minn kunflitt¹, in-nisa għandhom irwol attiv fit-tiswir u fiż-żamma tal-paċi, u l-kisba tad-demokrazija; iqis li l-għajnuna ta' l-UE lil pajjiżi u reġjuni mkissra minn kunflitti armati u gwerer, bħalma huma l-Afganistan, l-Iraq u l-Libanu, għandha tkun marbuta speċifikament mal-promozzjoni ta' dan l-irwol u mad-dħul mill-ġdid u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika; huwa ta' l-opinjoni li t-trasparenza totali ta' fondi għar-rikostruzzjoni fl-Afganistan, fl-Iraq u fil-Libanu għandha għalhekk tiġi żgurata sabiex toħloq linji baġitarji speċifiċi għal dan il-għan.

¹ Testi Adottati ta' dik id-data, P6_TA(2006)0245.

PROĊEDURA

| | | |
|---|--|-----------|
| Titolu | L-abbozz tal-baġit ġenerali għall-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - Kummissjoni | |
| Numru tal-proċedura | 2006/2018(BUD) | |
| Kumitat responsabbli | BUDG | |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM | |
| Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | | |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Noora Kauppi 21.2.2006 | |
| Rapporteur għal opinjoni preċedenti | | |
| Eżami fil-kumitat | 11.7.2006 | 13.9.2006 |
| Data ta' l-adozzjoni | 13.9.2006 | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 22 -: 1 0: 0 | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Edit Bauer, Edite Estrela, Věra Flasarová, Claire Gibault, Lissy Gröner, Zita Gurmai, Anneli Jäätteenmäki, Piia-Noora Kauppi, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Urszula Krupa, Astrid Lulling, Siiri Oviir, Christa Prets, Marie-Line Reynaud, Raül Romeva i Rueda, Amalia Sartori, Eva-Britt Svensson, Britta Thomsen, Anna Záborská | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Iratxe García Pérez, Ana Maria Gomes, Zita Pleštinská, Karin Resetarits | |
| Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali | | |
| Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss) | ... | |